**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 1093/2017**

**BDO Services Limited u BDO Malta**
**vs**
**Driftwood Ventures Limited, Lifestyle Ventures Limited,**
**Idro Ventures Limited, Massiva Ventures Limited,**
**Mandala Ventures Limited, Testohealth Ventures Limited,**
**PerfectZin Holdings Limited u ZeusClicks Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-30 ta’ Novembru 2017 li jghid hekk:

1. Illi s-socjetajiet attrici pprestaw diversi servizzi lis-socjetajiet intimati;

2. Illi minkejja li gew prestati dawn is-servizzi u li s-socjetajiet rikorrenti baghtu bosta fatturi (hawn annessi u mmarkati DOK. A1 – DOK. A39) sabiex dawn ihallsu ghal dawn is-servizzi provduti lilhom, is-socjetajiet intimati baqghu ma hallsux dawk l-ammonti dovuti minnhom;

3. Illi s-socjetajiet rikorrenti interpellaw lis-socjetajiet intimati ghall-hlas permezz ta' diversi ittri ufficjali (hawn annessi u mmarkati DOK. B1 – DOK. B8.2);

4. Illi s-socjetajiet intimati opponew dawn l-ittri ufficjali permezz ta' bosta noti oppozitorji (hawn annessi u mmarkati DOK. C1 – DOK. C8.2);

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi is-socjetajiet artrici ghazlu li ssir kawza wahda kontra dawn it-tmien (8) socjetajiet intimati peress illi jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi kontemplati fl-art. 161(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod partikolari li l-mertu huwa wiehed komuni u l-provi huma simili u f’xi kazijiet identici;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li s-socjetajiet intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmintax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€18,681.76) rapprezentanti flejjes dovuti lis-socjetajiet rikorrenti ta' servizzi rezi lis-socjetajiet intimati;

2. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jhallsu lis-socjetajiet rikorrenti s-somma ta' tmientax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€18,681.76);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 ta' Mejju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax dekoribbli skont il-ligi kontra s-socjetajiet intimati li r-rapprezentanti u ufficjali taghhom huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-atturi;

Rat li s-socjetajiet konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Mark Attard li ikkonferma bil-gurament tieghu li mid-data tal-prezentata tal-kawza ma sar ebda bdil fl-ammont dovut oltre li l-imghax ghandu jizdied.

Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2018 id-difensur tas-socjetajiet attrici iddikjara li ma ghandux sottomissjonijiet x’jaghmel u li irrimetta ruhu ghal-atti;

Rat illi l-konvenuti ma ghamlu ebda nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat illi mill-atti t-talbiet attrici jidhru pruvati mid-dokumenti esebiti u x-xhieda ta’ Mark Attard.

Ghalkemm is-socjetajiet konvenuti opponew ghat-talbiet attrici maghmula lilhom b’ittri ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 16, ma ipprezentaw ebda raguni fondata fil-kawza ghaliex l-ammonti ma kienux dovuti. Din il-prova kellha issir mill-konvenuti ghax il-prova mehtiega mill-atturi hi li l-ammonti kienu dovuti ghal servizzi rezi kif xehed Mark Attard, u din saret.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti ihallsu in solidum lis-socjetajiet attrici s-somma ta' tmientax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€18,681.76) rapprezentanti flejjes dovuti ghal servizzi rezi lis-socjetajiet intimati, flimkien mal-imghax skond il-ligi sal-hlas. Spejjez ghas-socjetajiet konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur